# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.6

**Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi**

**Lezzjoni 2.6 – F'xi ħin jew ieħor għandi bżonnok**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu l-bżonn ta' xulxin.
2. Jitgħallmu dan permezz ta' eżempji konkreti ta' nies qrib tagħhom, u ta' dawk li għexu qabilhom.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Song: *Hand In Hand*
  https://www.youtube.com/watch?v=c8AroyD1J2c&spfreload=10
- Karta ta' Taħriġ 2.5 (mill-Ktieb).



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



1. Irrevedi ftit dak li jkun intqal fil-lezzjoni ta' qabel.
   - Il-bżonn tal-grupp;
   - L-imġiba fil-grupp;
   - Meta hu tajjeb li nkunu weħidna.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Enfasizza l-importanza tar-rispett u tal-għajnuna li għandna nagħtu lill-oħrajn.

2. Spjega dan: Fid-dinja kulħadd għandu bżonn lil xulxin. Naħdem fejn naħdem, jien min jien, ħaddieħor għandu bżonni. Jekk dak li nista' noffri jien ngħaqqdu ma' ta' ħaddieħor, ara kemm nistgħu nagħmlu d-dinja aktar sabiħa .

3. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.5. Aqra u spjega s-silta.

4. Aqra l-istorja f'Attività 1 u b'diskussjoni. Għin lit-tfal jaslu għar-risposta t-tajba.

5. Kompli l-istorja li qiegħda f'Attività 2 u permezz ta' diskussjoni wassal lit-tfal biex jaslu biex jagħżlu kif suppost.

6. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt tar-rispett li għandna nuru lejn kulħadd speċjalment lejnl-anzjani.

7. Spiċċa bis-song *Hand in hand.*



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Ħadd ma jista jgħix waħdu.
2. Kull persuna għandha bżonn lil ħaddieħor.
3. Meta ningħaqdu flimkien nagħmlu d-dinja aħjar milli hi.
4. Li tisma' lill-oħrajn, li ċċedi, li tagħti l-idea tiegħek hu tajjeb biex insiru aħjar.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal juru li jagħrfu li huma għandhom bzonn lil ħaddieħor, u allura jagħrfu jgħixu fi grupp u jaħdmu f'tim.
- Ma nwarrbu lil ħadd u nieħdu pjaċir b'kulħadd.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Song *Hand In Hand*
  https://www.youtube.com/watch?v=c8AroyD1J2c&spfreload=10

## Nitolbu

Ġesù, għallimni ma nkun qatt supperv bit-talenti li għandi. Dawk tajthomli int biex nużahom għall-bżonnijiet tiegħi u ta' ħaddieħor.

